**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 96/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Ryan Vella)**

**Vs**

**Omissis**
**Aleko Xomasuridze sive**
**Aleko Archuadze sive**
**Aleko Gorgisheli sive**
**Aleko Khomasuridza sive**
**Aleko Khutsishvili sive**
**Aleko Phandeev sive**
**Aleko Phandevi sive**
**Aleko Purichamiashvili**

**Illum 8 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Aleko Xomasuridze sive Aleko Archuadze sive Aleko Gorgisheli sive Aleko Khomasuridza sive Aleko Khutsishvili sive Aleko Phandeev sive Aleko Phandevi sive Aleko Purichamiashvili**, imwieled Telavi, Georgia, nhar it-13 ta' April 1983, detentur ta' Karta ta' l-Identità Ġorġjana Nru. 20IA74505 (PIN 01004011387) maħruġa 13.04.1983 u tiskadi 19.07.2031, talli nhar id-19 ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Bejn is-16 u d-19 ta' Frar 2022, minn fond Nru. 20, Justin, Triq l-Iżbark tat-Torok, Birżebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti, ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Kimberly Camilleri u/jew Daniel Paul Grima u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

2. Nhar it-18 ta' Frar 2022, bejn il-11:30a.m. u l-12:10p.m., minn Penthouse 9, Heaven's View, Triq San Mark, Naxxar, ikkommetta serq ta' flus kontanti, ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-eflejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Ryan Seguna u/jew Rawan Seguna Zouari u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

3. Nhar is-17 ta' Frar 2022, għall-ħabta ta' nofsinhar, minn fond Coral Court, Block B, Flat B2, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Mauro Amato u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

4. Nhar il-11 ta' Frar 2022, bejn is-7:30a.m. u l-4:10p.m., mill-fond Mistra Valley, Flat 3, Triq il-Preistorja, San Pawl il-Baħar, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, inkluż ammont ta' ġojjellerija u fwejjaħ, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Luke Gatt u Ferdina Gatt u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

5. Nhar id-9 ta' Frar 2022, għall-ħabta tal-11:00a.m., ġewwa l-fond Stratum Court, Triq il-Fossilli, Birżebbugia, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Loreta Hamer u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

6. Nhar it-8 ta' Frar 2022, bejn id-8:45a.m. u t-3:00p.m., mill-fond Nru. 44, Flat 2, Triq Sant' Aristarku, Rabat, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, inkluż ammont ta' ġojjellerija u xi flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu tal-koppja James Borg u Bernice Farrugia u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

7. Nhar il-5 ta' Frar 2022, bejn is-5:45p.m. u l-10:15p.m., mill-fond Nru. 90, Flat 2, Triq Ħal Dwin, Żebbuġ, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Marika Schembri u Charlton Azzopardi u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

8. Nhar l-4 ta' Frar 2022, bejn is-7:30a.m. u s-1:00p.m., mill-fond Nru.6, St. Therese Court, Triq Patri Pelaġju Mifsud, Żebbuġ, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, inkluż xi ġojjellerija, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Sarah Cassar u Clinton Azzopardi u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

9. Nhar l-1 ta' Frar 2022, bejn id-9:30a.m. u s-1:45p.m., mill-fond Vigna Vecchia Court, Flat 6, Triq l-Għenba, Attard, ikkommetta serq ta' għadd t'oġġetti, inkluż kwantità ta' ġojjellerija, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur

li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Ignatius Cordina u Margaret Cordina u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

10. Nhar il-31 ta' Jannar 2022, bejn it-8:30a.m. u s-6:00p.m., mill-fond The Ives, Blk E, Flat 1, Triq il-Mosta, Attard, ikkommetta serq ta' għadd t'oġġetti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' diversi persuni u/jew ta xi entità jew entitajiet oħra;

11. Nhar il-31 ta' Jannar 2022, bejn nofsinhar u t-3:00p.m., mill-fond Nru. 76, Haven Penthouse, No.3, Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, ikkommetta serq ta' għadd t'oġġetti, inkluż ammont ta' ġojjellerija, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, għad-dannu tal-famlija Vella u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

12. Nhar l-24 ta' Jannar 2022, bejn is-7:00a.m. u 12:30p.m., mill-fond Michaelangelo Flats F, Triq Victor Denaro, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Djallel Ferhati u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

13. Nhar il-21 ta' Jannar 2022, għall-ħabta tal-11:00a.m., ġewwa l-fond Demar Residence, Blk B2, Apt. 1, Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, Għargħur, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidenti u indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, għad-dannu ta' Herbert Joseph Cefai u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

14. Nhar it-18 ta' Jannar 2022, bejn is-7:30a.m. u s-6:15p.m., mill-fond Nru. 76, Haven Court, Flat 2, Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, inkluż żewġ laptops u xi ġojjellerija, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, għad-dannu ta' Giovanni Maione u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

15. Nhar is-17 ta' Jannar 2022, bejn is-2:00p.m. u s-2:45p.m., mill-fond Nru.85, Les Orchidees, Blk. A, Fl.3, Triq Ponsomby, Mosta, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, fosthom xi ġojjellerija u xi flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn u tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Jody Chircop u Yannic Fenech u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Iktar talli fil-25 ta' Frar 2022, u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, f'Malta:

16. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt ta' serq f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

17. Ippromuova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar, jew waqt li kien jaf jew kellu kawża raġonevoli li jissusspetta dwar l-għan jew attività b'mod ġenerali ta' l-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija hawn fuq, ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali ta' l-għaqda, inkluż iżda mhux limitat għall-għoti ta' informazjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda;

18. Appartjena għal għaqda msemmija fl-imputazzjoni preċedenti (nru.17);

Talli fil-25 ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:

19. Bħala persuna li kien ġa ġie kkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta' mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew nstabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu nstabu għandu f'dak iż-żmien;

Talli fil-25 ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:

20. Irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati ta' Malta u/jew Qrati f'pajjiżi Ewropej;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "CD2" sa' Dok. "CD5";

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Marzu 2022[2], tat-12 ta' Ġunju 2023[3], tat-23 ta' Awwissu 2023[4], tat-30 ta' Ottubru 2023[5] u tat-13 ta' Novembru 2023[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CD6" sa' Dok. "CD38" a fol. 42 sa' 86 tal-proċess, Dok. "CDY1" u Dok. "CDY2" a fol. 1376 sa' 1394 tal-proċess, Dok. "CDW1", Dok. "CDW2" a fol. 1511 sa' 1520 tal-proċess u Dok. "GVX1" a fol. 1702 sa' 1704 tal-proċess u Dok. "ABC" a fol. 1742 sa' 1755 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Djallel Ferhati[7], Bernice Farrugia[8], James Borg[9], Charlton Azzopardi[10], Marica Schembri[11], Astrid Scerri[12], Rawan Seguna Zouari[13] u Ryan Seguna[14], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Bernice Farrguia markat Dok. "BF" a fol. 101 tal-proċess, minn Marica Schembri markat Dok. "MS" a fol. 112 tal-proċess, u minn Rawan Seguna Zouari markat Dok. "RA" a fol. 120 sa' 125 tal-

[1] Fol.18 tal-proċess.
[2] Fol. 27 sa' 41 tal-proċess.
[3] Fol. 1375 tal-porċess.
[4] Fol. 1509 u 1510 tal-proċess.
[5] Fol. 1701A tal-proċess.
[6] Fol. 1741 tal-proċess.
[7] Fol. 94 sa' 96 tal-proċess.
[8] Fol. 97 sa' 100 tal-proċess.
[9] Fol. 102 sa' 104 tal-proċess.
[10] Fol. 105 sa' 108 tal-proċess.
[11] Fol. 109 sa' 111 tal-proċess.
[12] Fol. 113 sa' 115 tal-proċess.
[13] Fol. 116 sa' 119 tal-proċess.
[14] Fol. 126 sa' 128 tal-proċess.

proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1236 Joseph Gatt[15], PS2325 Victoria Fenech Buontempo[16], PS918 Clayton Azzopardi[17] u PS506 Derrick Bugeja[18], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022, u rat id-dokumenti esebiti minn PS1236 Joseph Gatt markat Dok. "JG" a fol. 154 sa' 165 tal-proċess, minn PS2325 Victoria Fenech Buontempo markat Dok. "VFB" a fol. 168 sa' 170 tal-proċess, minn PS918 Clayton Azzopardi markati Dok. "CA1" u Dok. "CA2" a fol. 175 sa' 190 tal-proċess, u minn PS506 Derrick Bugeja markat Dok. "DB" a fol. 194 sa' 199 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stefania Scicluna, Deputat Reġistratur, mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Ġunju 2022[19], tas-7 ta' Lulju 2022[20], ta' l-10 ta' Awwissu 2022[21] u tat-13 ta' April 2023[22] u rat id-dokumenti esebiti minnha, ossia l-Procès Verbal bin-Numru 186/22 a fol. 211 tal-proċess, il-Procès Verbal bin-Numru 226/22 a fol. 212 u 213 tal-proċess, il-Procès Verbal bin-Numru 202/22 a fol. 215 tal-proċess, il-Procès Verbal bin-Numru 253/22 a fol. 218 u 219 tal-proċess, il-Procès Verbal bin-Numru 256/22 a fol. 221 u 222 tal-proċess, il-Procès Verbal bin-Numru 301/22 a fol. 281 u 282 tal-proċess, il-Procès Verbal bin-Numru 397/22 a fol. 300 tal-proċess u l-Procès Verbal bin-Numru 117/23 a fol. 1265 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1026 Brandon Gauci[23], PS1301 Christian Bonello[24], PS2343 Daniela Hayley[25] u PS821 Matthew Abela Galea[26], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn PS1026 Brandon Gauci markat Dok. "BG" a fol. 227 sa' 229 tal-proċess, PS1301 Christian Bonello markat Dok. "CB" a fol. 232 sa' 250 tal-proċess, PS2343 Daniela Hayley markat Dok. "DH" a fol. 254 sa' 267 tal-procss u minn PS821 Matthew Abela Galea markati Dok. "MG1" u Dok. "MG2" a fol. 271 sa' 277 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Herbert Joseph Cefai[27], Mira Mamlic[28] u Andrea Sipos[29], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2022, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella[30], PC1541 Joseph Agius[31], PC702 Adrian Briffa[32], Christian Mercieca[33], Doriana Mamo[34], in rappreżentanza ta' Mapfre Middlesea, Giovanni Maione[35], Nadine Zarb[36] u Mauro Amato[37] ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022 u rat id-dokumenti esebiti mill-Avukat Dr. Lennox Vella markati Dok. "LV" sa' Dok. "LVY" a fol. 306 sa' 469 tal-proċess, minn PC1541 Joseph Agius markati Dok. "JA1" sa' Dok. "JA5" a fol. 473 sa' 480 tal-proċess, minn PC702 Adrian Briffa markati Dok. "P1" sa' "P11" u Dok. "D1" sa' "D12" a fol. 484 u 485 tal-proċess u minn Doriana Mamo markat Dok. "DM" a fol. 490 sa' 569 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Margaret Cordina[38] u ta' Ignatius Cordina[39] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Awwissu 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Ignatius Cordina markati Dok. "IC1" sa' Dok. "IC3" a fol. 586 sa' 593 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar

[15] Fol. 151 sa' 153 tal-proċess
[16] Fol. 166 u 167 tal-proċess.
[17] Fol. 171 sa' 174 tal-proċess.
[18] Fol. 191 sa' 193 tal-proċess.
[19] Fol. 209 u 210 tal-proċess.
[20] Fol. 280 tal-proċess.
[21] Fol. 299 tal-proċess.
[22] Fol. 1264 tal-proċess.
[23] Fol. 224 sa' 226 tal-proċess.
[24] Fol. 230 u 231 tal-proċess.
[25] Fol. 251 sa' 253 tal-proċess.
[26] Fol. 268 sa' 270 tal-proċess.
[27] Fol. 284 sa' 286 tal-proċess.
[28] Fol. 287 sa' 290 tal-proċess.
[29] Fol. 291 u 292 tal-proċess.
[30] Fol. 301 u 302 tal-proċess.
[31] Fol. 470 sa' 472 tal-proċess.
[32] Fol. 481 sa' 483 tal-proċess.
[33] Fol. 486 u 487 tal-proċess.
[34] Fol. 488 u 489 tal-proċess.
[35] Fol. 570 sa' 572 tal-proċess.
[36] Fol. 573 sa' 575 tal-proċess.
[37] Fol. 576 sa' 579 tal-proċess.
[38] Fol. 581 u 582 tal-proċess.
[39] Fol. 583 sa' 585 tal-proċess.

mogħtija waqt is-seduti tas-26 ta' Settembru 2022[40], tat-8 ta' Novembru 2022[41], tat-13 ta' April 2023[42], tat-13 ta' Settembru 2023[43] u tat-13 ta' Novembru 2023[44] u rat ir-Relazzjonijiet ippreżentati minnu markati Dok. "KC1" a fol. 602 sa' 629 tal-proċess, Dok. "KC2" a fol. 630 sa' 745 tal-proċess, Dok. "KC1" a fol. 1130 sa' 1136 tal-proċess, Dok. "KC2" a fol. 1137 sa' 1217 tal-proċess, Dok. "KC" a fol. 1582 sa' 1606 tal-proċess u Dok. "KC2" a fol. 1738 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Giovanni Maione Zarb[45], Susanne Vella[46], Yasmine Vella[47], Clivoir Vella[48] u Carl Farrugia[49], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022 u d-dokumenti esebiti minn Giovanni Maione Zarb markati Dok. "MZ1" sa' Dok. "MZ4" a fol. 748 sa' 751 tal-proċess, minn Yasmine Vella markat Dok. "YV" a fol. 759 tal-proċess, minn Clivoir Vella markat Dok. "CV" a fol. 763 u 763A tal-proċess u minn Carl Farrugia markat Dok. "CF" a fol. 766 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Raymond Vella[50], Sarah Cassar[51], Daniel Paul Grima[52], Kimberly Camilleri[53], Jodie Chircop[54] u Yanick Fenech[55], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022 u rat id-dokument esebit minn Kimberly Camilleri markat Dok. "KC" a fol. 799 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Loreta Hamer[56], Luke Gatt[57] u Ferdina Gatt[58] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 u semgħet ix-xhieda ta' PS419 Anton Buttigieg[59], PS2329 Tiziana Azzopardi[60], PS586 Mario Azzopardi[61], l-Uffiċjal Ċivili Rebecca Bartolo u PC1491 Kurt Attard[62], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn PS419 Anton Buttigieg markat Dok. "AB" a fol. 829 sa' 832 tal-proċess u minn PS2329 Tiziana Azzopardi markat Dok. "TA" a fol. 835 sa' 840 tal-proċess u rat ir-Relazzjoni esebita PS586 Mario Azzopardi markata Dok. "MA" a fol. 842 sa' 862 tal-proċess u r-Relazzjoni esebita minn PC1491 Kurt Attard u l-Uffiċjal Ċivili Rebecca Bartolo markata Dok. "RB" a fol. 865 sa' 890 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Maria Dolores Saliba[63], Frans Agius[64], Ercole Pasquale[65], PS 1458 Malcolm Fenech[66], PS1404 Dale Cassar[67] u rat id-dokumenti esebiti minn Maria Dolores Saliba markat Dok. "MS" a fol. 908 sa' 910 tal-proċess, minn Frans Agius markat Dok. "FA" a fol. 911 tal-proċess, minn Ercole Pasquale markati Dok. "EP1" u Dok. "EP2" a fol. 912 u 913 tal-proċess, minn PS1458 Malcolm Fenech markat Dok. "MF" a fol. 914 sa' 917 tal-proċess, minn PS1404 Dale Cassar markati Dok. "DCA1" sa' Dok. "DCA3", Dok. "DCX1" sa' Dok. "DCX6", Dok. "DCB" sa' Dok. "DCB5", Dok. "DCR1" u Dok. "DCR2", Dok. "DCAX1" sa' Dok. "DCAX3" u Dok. "DCJ" a fol. 918 sa' 941 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-

[40] Fol. 600 u 601 tal-proċess.
[41] Fol. 811 tal-proċess.
[42] Fol. 1126 sa' 1128 tal-proċess.
[43] Fol. 1625 u 1626 tal-proċess.
[44] Fol. 1736 u 1737 tal-proċess.
[45] Fol. 746 u 747 tal-proċess.
[46] Fol. 752 sa' 754 tal-proċess.
[47] Fol. 755 sa' 758 tal-proċess.
[48] Fol. 760 sa' 762 tal-proċess.
[49] Fol. 764 u 765 tal-proċess.
[50] Fol. 780 sa' 784 tal-proċess.
[51] Fol. 785 sa' 788 tal-proċess.
[52] Fol. 789 sa' 793 tal-proċess.
[53] Fol. 794 sa' 798 tal-proċess.
[54] Fol. 800 sa' 803 tal-proċess.
[55] Fol. 804 u 805 tal-proċess.
[56] Fol. 812 sa' 814 tal-proċess.
[57] Fol. 815 sa' 820 tal-proċess.
[58] Fol. 821 tal-825 tal-proċess.
[59] Fol. 827 u 828 tal-proċess.
[60] Fol. 833 u 834 tal-proċess.
[61] Fol. 841 tal-proċess.
[62] Fol. 863 u 864 tal-proċess.
[63] Fol. 907A sa' 907D tal-proċess.
[64] Fol. 910A sa' 910C tal-proċess.
[65] Fol. 911A sa' 911D tal-proċess.
[66] Fol. 913A sa' 913C tal-proċess.
[67] Fol. 917A sa' 917I tal-proċess.

Ispettur Frankie Sammut[68], Benita Penza[69], Amanda Caruana[70], l-Uffiċjal Ċivili Gabriella Vella[71] u ta' l-Uffiċjal Ċivili Benjamin Abela[72], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2023 u rat ir-Relazzjonijiet esebiti mill-Uffiċjal Ċivili Gabriella Vella markati Dok. "GV1" a fol. 949 sa' 954 tal-proċess u Dok. "GV2" a fol. 955 sa' 973 tal-process u r-Relazzjoni esebita mill-Uffiċjal Ċivili Benjamin Abela markata Dok. "BA" a fol. 976 sa' 983 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC2278 Kristie Sciberras[73], PC2089 Maria Bezzina[74], ta' l-Uffiċjal Ċivili Emerson Vella u PS2369 Stephanie Cassar[75] u ta' l-Uffiċjal Ċivili Matthew Galea u l-Uffiċjal Ċivili Peter Bonello[76], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2023, u rat ir-Relazzjoni esebita minn PC2089 Maria Bezzina markata Dok. "MB" a fol. 1001 sa' 1013 tal-proċess, ir-Relazzjoni esebita minn PC2369 Stephanie Cassar u l-Uffiċjal Ċivili Emerson Vella markata Dok. "SC" a fol. 1017 sa' 1062 tal-proċess u r-Relazzjoni esebita mill-Uffiċjali Ċivili Matthew Galea u Peter Bonello markata Dok. "MG" a fol. 1065 sa' 1092 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduti tas-6 ta' Marzu 2023[77] u tat-13 ta' April 2023[78] u rat ir-Relazzjoni esebita minnu markata Dok. "JSX" a fol. 1227 sa' 1263 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS209 Julian Grech[79], PS1024 Jeffrey Rizzo[80] u ta' l-Ispettur Joseph Mercieca[81], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2023 u rat id-dokument esebit minn PS209 Julian Grech markat Dok. "JG" a fol. 1100 sa' 1106 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku l-Perit Valerio Schembri mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' April 2023[82] u rat ir-Relazzjoni esebita minnu markata Dok. "VS" a fol. 1118 sa' 1125 tal-preċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' April 2023[83], tas-27 ta' April 2023[84], tas-17 ta' Ottubru 2023[85], tat-30 ta' Ottubru 2023[86] u tat-13 ta' Novembru 2023[87] u rat ir-Relazzjonijiet esebiti minnha markati Dok. "MC" a fol. 1220 sa' 1224 tal-proċess, Dok. "MCX" a fol. 1290 sa' 1292 tal-proċess u, semgħet ix-xhieda ta' PS1111 Braden Borg[88], Dr. Charlene Tonna[89], Dr. Joseph Roger Saliba[90] u ta' l-Espert Legali Dr. Alex Scerri Herrera[91], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023 u rat ir-Relazzjoni esebita minn PS1111 Braden Borg markata Dok. "BB" a fol. 1272 sa' 1288 tal-proċess u r-Relazzjoni esebita mill-Espert Legali Dr. Alex Scerri Herrera markata Dok. "ASH" a fol. 1296 sa' 1350 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC20 Kurt Buhagiar[92], Stephen Cachia[93], in rappreżentanza ta' Transport Malta, u ta' PC422 Sandro Mamo[94], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC1" a fol. 1360 sa' 1365 tal-proċess, semgħet

[68] Fol. 948A sa' 948C tal-proċess.
[69] Fol. 948D u 948E tal-proċess.
[70] Fol. 948F u 948G tal-proċess.
[71] Fol. 948H sa' 948J tal-proċess.
[72] Fol. 974 u 975 tal-proċess.
[73] Fol. 998 sa' 1000 tal-proċess.
[74] Fol. 996 u 997 tal-proċess.
[75] Fol. 1014 sa' 1016 tal-proċess.
[76] Fol. 1063 u 1064 tal-proċess.
[77] Fol. 1095 u 1096 tal-proċess.
[78] Fol. 1225 u 1226 tal-proċess.
[79] Fol. 1097 sa' 1099 tal-proċess.
[80] Fol. 1107 u 1108 tal-proċess.
[81] Fol. 1109 tal-proċess.
[82] Fol. 1116 u 1117 tal-proċess.
[83] Fol. 1218 u 1219 tal-proċess.
[84] Fol. 1289 tal-proċess.
[85] Fol. 1696 u 1697 tal-proċess.
[86] Fol. 1701A tal-proċess.
[87] Fol. 1734 tal-proċess.
[88] Fol. 1270 u 1271 tal-proċess.
[89] Fol. 1293 tal-proċess.
[90] Fol. 1294 tal-proċess.
[91] Fol. 1295 tal-proċess.
[92] Fol. 1356 u 1357 tal-proċess.
[93] Fol. 1358 u 139 tal-proċess.
[94] Fol. 1366. U 1367 tal-proċess.

ix-xhieda ta' PC2108 Dana Sultana[95] u ta' Tornike Chakiashvili[96] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 u semgħet ix-xhieda ta' l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joseph Mallia mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Lulju 2023[97], tat-23 ta' Awwissu 2023[98], tat-13 ta' Settembru 2023[99] u tas-17 ta' Ottubru 2023[100] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JM" a fol. 1687 sa' 1693 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2023[101] u rat ir-Relazzjoni esebita minnu markata Dok. "MB" a fol. 1401 sa' 1468 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa[102], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, PS813 Clinton Vella[103], PC844 Carl Micallef[104] u ta' l-Ispettur Lydon Zammit[105] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Awwissu 2023 u rat id-dokumenti esebiti minn Stephania Calafato Testa markati Dok. "STW1" sa' Dok. "STW3" a fol. 1478 sa' 1488 tal-proċess, ir-Relazzjoni esebita minn PS813 Clinton Vella markata Dok. "CV" a fol. 1490A sa' 1490K tal-proċess u r-Relazzjoni esebita minn PC844 Carl Micallef markata Dok. "CM" a fol. 1493 sa' 1506 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS2293 Michelle Camilleri u ta' PC1491 Kurt Attard[106] u ta' Alan Camilleri[107] mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023 u rat ir-Relazzjoni esebita minn PS2293 Michelle Camilleri u PC1491 Kurt Attard markata Dok. "MC" a fol. 1526 sa' 1557 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Alan Camilleri markati Dok. "AC1" sa' Dok. "AC6" a fol. 1579 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Romina Pace[108] u ta' l-Ispettur Ryan Vella[109] mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023 u rat id-dokument esebit minn Romina Pace markat Dok. "RP" a fol. 1607 sa' 1615 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Carol Fabri mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2023[110];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 17 ta' Ottubru 2023[111], permezz ta' liema:

Bagħat lill-imputat u lil Omissis flimkien, sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(b), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[95] Fol. 1371 u 1372 tal-proċess.
[96] Fol. 1373 u 1374 tal-proċess.
[97] Fol. 1400A u 1400B tal-proċess.
[98] Fol. 1507 tal-proċess.
[99] Fol. 1632 tal-proċess.
[100] Fol. 1635 u 1636 tal-proċess.
[101] Fol. 1400C u 1400D tal-proċess.
[102] Fol. 1476 tal-proċess.
[103] Fol. 1489 u 1490 tal-proċess.
[104] Fol. 1491 u 1492 tal-proċess.
[105] Fol. 1508 tal-proċess.
[106] Fol. 1524 u 1525 tal-proċess.
[107] Fol. 1558 u 1559 tal-proċess.
[108] Fol. 1627 u 1628 tal-proċess.
[109] Fol. 1629 sa' 1631 tal-proċess.
[110] Fol. 1730 u 1731 tal-proċess.
[111] Fol. 1618 sa' 1622 tal-proċess.

5. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikoli 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(b), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
12. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
13. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
14. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
15. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
16. Fl-Artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
17. Fl-Artikolu 83A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
18. Fl-Artikolu 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
19. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
20. Fl-Artikoli 15A(1)(2), 17, 18, 20, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U bagħat lill-imputat waħdu biex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

21. Fl-Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
22. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Frar 2024[112], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tagħtu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat illi sa' dan l-istadju n-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 17 ta' Ottubru 2023, għadha ma nqratx;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

[112] Fol. 1766 tal-proċess.

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar id-19 ta’ Frar 2022 u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta’ qabel, f’Malta, b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda: (1) bejn is-16 u d-19 ta’ Frar 2022, minn fond Nru. 20, Justin, Triq l-Iżbark tat-Torok, Birżebbugia, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu ta’ Kimberly Camilleri u/jew Daniel Paul Grima u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (2) nhar it-18 ta’ Frar 2022, bejn il-11:30a.m. u l-12:10p.m., minn Penthouse 9, Heaven’s View, Triq San Mark, Naxxar, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu ta’ Ryan Seguna u/jew Rawan Seguna Zouari u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (3) nhar is-17 ta’ Frar 2022, għall-ħabta ta’ nofsinhar, minn fond Coral Court, Block B, Flat B2, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu ta’ Mauro Amato u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (4) nhar il-11 ta’ Frar 2022, bejn is-7:30a.m. u l-4:10p.m., mill-fond Mistra Valley, Flat 3, Triq il-Preistorja, San Pawl il-Baħar, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti, inkluż ammont ta’ ġojjellerija u fwejjaħ, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Luke Gatt u Ferdina Gatt u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (5) nhar id-9 ta’ Frar 2022, għall-ħabta tal-11:00a.m., ġewwa l-fond Stratum Court, Triq il-Fossilli, Birżebbugia, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu ta’ Loreta Hamer u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (6) nhar it-8 ta’ Frar 2022, bejn id-8:45a.m. u t-3:00p.m., mill-fond Nru. 44, Flat 2, Triq Sant’ Aristarku, Rabat, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti, inkluż ammont ta’ ġojjellerija u xi flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu tal-koppja James Borg u Bernice Farrugia u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (7) nhar il-5 ta’ Frar 2022, bejn is-5:45p.m. u l-10:15p.m., mill-fond Nru. 90, Flat 2, Triq Ħal Dwin, Żebbuġ, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Marika Schembri u Charlton Azzopardi u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (8) nhar l-4 ta’ Frar 2022, bejn is-7:30a.m. u s-1:00p.m., mill-fond Nru.6, St. Therese Court, Triq Patri Pelaġju Mifsud, Żebbuġ, ikkommetta serq ta’ diversi oġġetti, inkluż xi ġojjellerija, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Sarah Cassar u Clinton Azzopardi u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (9) nhar l-1 ta’ Frar 2022, bejn id-9:30a.m. u s-1:45p.m., mill-fond Vigna Vecchia Court, Flat 6, Triq l-Għenba, Attard, ikkommetta serq ta’ għadd t’oġġetti, inkluż kwantità ta’ ġojjellerija, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Ignatius Cordina u Margaret Cordina u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entità jew entitajiet oħra; (10) nhar il-31 ta’ Jannar 2022, bejn it-8:30a.m. u s-6:00p.m., mill-fond The Ives, Blk E, Flat 1, Triq il-Mosta, Attard, ikkommetta serq ta’ għadd t’oġġetti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu ta’ diversi persuni u/jew ta xi entità jew entitajiet oħra; (11) nhar il-31 ta’ Jannar 2022, bejn nofsinhar u t-3:00p.m., mill-fond Nru. 76, Haven Penthouse, No.3, Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, ikkommetta serq ta’ għadd t’oġġetti, inkluż ammont ta’ ġojjellerija,

liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37 u bil-lok, għad-dannu tal-famlija Vella u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (12) nhar l-24 ta' Jannar 2022, bejn is-7:00a.m. u 12:30p.m., mill-fond Michaelangelo Flats F, Triq Victor Denaro, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu ta' Djallel Ferhati u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (13) nhar il-21 ta' Jannar 2022, għall-ħabta tal-11:00a.m., ġewwa l-fond Demar Residence, Blk B2, Apt. 1, Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, Għargħur, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidenti u indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok, għad-dannu ta' Herbert Joseph Cefai u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (14) nhar it-18 ta' Jannar 2022, bejn is-7:30a.m. u s-6:15p.m., mill-fond Nru. 76, Haven Court, Flat 2, Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, inkluż żewġ laptops u xi ġojjellerija, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok, għad-dannu ta' Giovanni Maione u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (15) nhar is-17 ta' Jannar 2022, bejn is-2:00p.m. u s-2:45p.m., mill-fond Nru.85, Les Orchidees, Blk. A, Fl.3, Triq Ponsomby, Mosta, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, fosthom xi ġojjellerija u xi flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37 u bil-lok, għad-dannu tal-koppja Jody Chircop u Yannic Fenech u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; Iktar talli fil-25 ta' Frar 2022, u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, f'Malta: (16) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt ta' serq f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija; (17) ippromuova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar, jew waqt li kien jaf jew kellu kawża raġonevoli li jissusspetta dwar l-għan jew attività b'mod ġenerali ta' l-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija hawn fuq, ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali ta' l-għaqda, inkluż iżda mhux limitat għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda; (18) appartjena għal għaqda msemmija fl-imputazzjoni preċedenti (nru.17); Talli fil-25 ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer: (19) bħala persuna li kien ġa ġie kkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta' mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew nstabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu nstabu għandu f'dak iż-żmien; Talli fil-25 ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer: (20) irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati ta' Malta u/ew Qrati f'pajjiżi Ewropej.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-kofront tiegħu iżda mbagħad, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2024 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontirh.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti għandha ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 48A, 83A(1)(2), 261(a)(b)(ċ)(e), 262(b) 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 276, 277(b), 278(1)(3), 279(a)(b), 280(2) u l-proviso ta' l-imsemmi artikolu, 287 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u anke a bażi tal-provi prodotti sa' l-istadju ta' l-ammissjoni tiegħu, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tmien (8) snin priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas is-segwenti kumpensi, li jirrappreżentaw sehmu (stante li fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet relattivi għal dawn il-vittmi l-imputat kien ġie akkużat flimkien ma' terza persuna, liema terza persuna gia ġiet sentenzjata) mill-kumpens dovut lil kull wieħed u waħda minn dawk imsemmijin hawn:

- Is-somma ta' €385 lil Kimberly Camilleri (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Kimberly Camilleri nstabu);
- Is-somma ta' €8,025 lil Daniel Paul Grima;
- Is-somma ta' €9,538.71 lil Luke u Ferdina Gatt (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lill-konjuġi Gatt instabu);
- Is-somma ta' €4,500 lil James Borg u Bernice Farrugia (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil James Borg u Bernice Farrugia nstabu);
- Is-somma ta' €952.50 lil Ercole Pasquale (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Ercole Pasquale nstabu)
- Is-somma ta' €1,100 lil Joeri Ronger;
- Is-somma ta' €987.50 lil Jezanel Vella (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Jezanel Vella nstabu);
- Is-somma ta' €1,052.50 lil Clivoir Vella (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Clivoir Vella nstabu);
- Is-somma ta' €525 lil Carl Farrugia (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Carl Farrugia nstabu);
- Is-somma ta' €17,981 lil Ryan Seguna u Rawan Seguna Zouari (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni il-ħlas mill-assikurazzjoni);
- Is-somma ta' €5,400 lil Ignatius u Margaret Cordina (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Ignatius u Margaret Cordina nstabu);
- Is-somma ta' €500 lil Charlton Azzopardi (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Charlton Azzopardi nstabu);
- Is-somma ta' €900 lil Clinton Azzopardi (din is-somma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li xi oġġetti misruqa lil Clinton Azzopardi nstabu).

Dejjem ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas ukoll is-segwenti kumpensi (l-imputazzjonijiet relattivi għal dawn il-vittmi huma imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat odjern waħdu):

- Is-somma ta' €2,000 lil Djallel Ferhati;
- Is-somma ta' €3,739 lil Giovanni Maione u Nadine Zarb; u
- Is-somma ta' €5,370 lil Jody Chircop u Yannic Fenech.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-impuatat iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-segwenti ammonti rappreżentanti sehmu (stante li fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet relattivi għal dawn il-vittmi l-imputat kien ġie akkużat flimkien ma' terza persuna, liema terza persuna gia ġiet sentenzjata) mill-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mas-segwenti:

- Is-somma ta' €62.05 in konnessjoni man-nomina ta' Scene of Crime Officers relattivament għas-serqa mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €1,960.48 in konnessjoni man-nomina ta' Esperti relattivament għas-serqa mertu tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €1,244.49 in konnessjoni man-nomina ta' Esperti relattivament għas-serqa mertu tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €1,462.46 in konnessjoni man-nomina ta' Esperti relattivament għas-serqa mertu tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €190.33 in konnessjoni man-nomina ta' Esperti relattivament għas-serqa mertu tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €1,360.86 in konnessjoni man-nomina ta' Esperti relattivament għas-serqa mertu ta' l-għaxar imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €1,201.01 in konnessjoni man-nomina ta' Esperti relattivament għas-serqa mertu ta' l-imputazzjoni numru ħdax dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €1,255.11 in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joseph Mallia relattivament għal diversi serqiet mertu tal-proċeduri; u
- Is-somma ta' €2,736.41 in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar ai termini tad-Digriet datat 30 ta' Ġunju 2022;

Dejjem ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-impuatat iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-segwenti ammonti rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni mas-segwenti:

- Is-somma komplessiva ta' €1,373.72 in konnessjoni man-nomina ta' Esperti relattivament għas-serqa mertu ta' l-imputazzjoni numru 15 dedotta fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma komplessiva ta' €927.48 in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar għall-esekuzzjoni ta' l-inkarigi indikati fir-Relazzjonijiet Dok. "MCM1" u Dok. "MCM2", esebiti fl-atti tal-proċeduri odjerni fil-konfront ta' l-imputat;
- Is-somma ta' €568.52 in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Keith Cutajar għall-esekuzzjoni ta' l-inkarigu indikat fir-Relazzjoni Dok. "KC", esebita fl-atti tal-proċeduri odjerni fil-konfront ta' l-imputat -

Komplessivament, is-somma dovuta lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ammontanti għal **€14,342.92**.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**